Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/778

14.4.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/778

tal-14 ta' April 2025

dwar miżuri ta' riekwilibriju kummerċjali li jikkonċernaw ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/886

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 654/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' regoli kummerċjali internazzjonali u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3286/94 li jistabbilixxi l-proċeduri tal-Komunità fil-qasam ta' politika kummerċjali komuni sabiex jiżgura l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Komunità skont ir-regoli internazzjonali tal-kummerċ, b'mod partikolari dawk stabbiliti taħt l-awspiċji tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 7(3) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-8 ta' Marzu 2018, l-Istati Uniti tal-Amerka ("l-Istati Uniti") introduċew, abbażi tat-taqsima 232 tal-Att dwar l-Espansjoni tal-Kummerċ tal-Istati Uniti tal-1962, tariffi f'livell ta' 25 % u ta' 10 % *ad valorem* fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar u tal-aluminju, rispettivament, effettivi mit-23 ta' Marzu 2018 u b'durata mhux limitata. Wara żewġ differimenti tad-data effettiva tal-applikazzjoni fir-rigward tal-Unjoni, fl-1 ta' Ġunju 2018, it-tariffa saret effettiva fir-rigward tal-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Unjoni, b'durata mhux limitata ("il-miżuri ta' salvagwardja tal-2018"). Fl-24 ta' Jannar 2020, l-Istati Uniti introduċew, abbażi tat-Taqsima 232 tal-Att dwar l-Espansjoni tal-Kummerċ tal-Istati Uniti tal-1962, tariffi f'livell ta' 25 % u ta' 10 % *ad valorem* fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti derivattivi tal-aluminju u ċerti prodotti derivattivi tal-azzar, rispettivament, effettivi mit-8 ta' Frar 2020, inkluż fir-rigward tal-Unjoni, b'durata mhux limitata ("il-miżuri ta' salvagwardja tal-2020").

(2) Il-miżuri introdotti mill-Istati Uniti huma oġġettivament miżuri ta' salvagwardja għaliex jikkonsistu f'abbandun mill-Istati Uniti tal-obbligi li jirriżultaw mill-Ftehim li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("World Trade Organisation - WTO") fil-forma ta' restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet bl-għan li tiġi protetta industrija domestika kontra l-kompetizzjoni mill-importazzjonijiet, għal raġunijiet ta' prosperità kummerċjali ta' dik l-industrija u mingħajr determinazzjoni ta' dumping jew sussidjar skont it-tifsira ta' dazji anti-dumping jew kumpensatorji. L-allegata ġustifikazzjoni mill-Istati Uniti tal-miżuri tagħha bħala azzjoni neċessarja għall-protezzjoni tal-interess essenzjali tas-sigurtà tagħha, meħuda fi żmien ta' emerġenza fir-relazzjonijiet internazzjonali, hija manifestament infondata u ma tnaqqasx mill-fatt li l-miżuri tagħha huma oġġettivament miżuri ta' salvagwardja.

(3) Fl-20 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/886 ([2]) ("il-miżuri ta' riekwilibriju tal-2018"). Il-miżuri ta' riekwilibriju tal-2018 għandhom l-għan li jibbilanċjaw il-miżuri ta' salvagwardja tal-2018 tal-Istati Uniti u applikati mit-22 ta' Ġunju 2018. Fis-6 ta' April 2020, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/502 ([3]) ("il-miżuri ta' riekwilibriju tal-2020"). Il-miżuri ta' riekwilibriju tal-2020 għandhom l-għan li jservu ta' kontrobilanċ għall-miżuri ta salvagwardja tal-2020 tal-Istati Uniti u huma applikati mit-8 ta' Mejju 2020.

([1]) ĠU L 189, 27.6.2014, p. 50, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/654/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/886 tal-20 ta' Ġunju 2018 dwar ċerti miżuri ta' politika kummerċjali rigward ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/724 (ĠU L 158, 21.6.2018, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/886/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/502 tas-6 ta' April 2020 dwar ċerti miżuri ta' politika kummerċjali li jikkonċernaw ċerti prodotti li joriġinaw fl-Istati Uniti tal-Amerka (ĠU L 109, 7.4.2020, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/502/oj).

(4) Il-Kummissjoni kienet qed tissospendi l-applikazzjoni tal-miżuri ta' riekwilibriju tal-2018 u l-2020 sal-14 ta' April 2025 inkluż ([4]). Is-sospensjonijiet kellhom l-għan li jqisu l-iżviluppi pożittivi fir-relazzjonijiet kummerċjali mal-Istati Uniti u l-arranġamenti alternattivi għall-miżuri ta' salvagwardja tal-Istati Uniti fir-rigward tal-Unjoni ([5]).

(5) Fl-10 ta' Frar 2025, l-Istati Uniti adottaw, abbażi tat-Taqsima 232 tal-Att dwar l-Espansjoni tal-Kummerċ tal-Istati Uniti tal-1962, tariffi aġġustati fuq l-importazzjonijiet fl-Istati Uniti ta' prodotti tal-azzar u tal-aluminju u ta' prodotti derivattivi tal-azzar u tal-aluminju li joriġinaw, fost l-oħrajn, mill-Unjoni, b'effett mit-12 ta' Marzu 2025 ([6]), b'durata mhux limitata, billi introduċew jew introduċew mill-ġdid:

(a) il-miżuri ta' salvagwadja tal-2018 u l-2020 fil-forma ta' dazji doganali addizzjonali fuq l-importazzjonijiet tal-ambitu inizjali ta' prodotti tal-azzar u tal-aluminju u ta' prodotti derivattivi tal-azzar u tal-aluminju li joriġinaw, fost oħrajn, mill-Unjoni, fil-livelli inizjali ta' 25 % u ta' 10 % *ad valorem,* rispettivament;

(b) żieda fir-rata tal-miżuri ta' salvagwardja tal-2018 u l-2020 għal 25 % *ad valorem* fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-aluminju u prodotti derivattivi tal-aluminju li inizjalment kienu soġġetti għal 10 % *ad valorem* u li joriġinaw fost l-oħrajn mill-Unjoni (il-"miżuri ta' salvagwardja estiżi"); kif ukoll

(c) tariffi ġodda f'livell ta' 25 % *ad valorem* fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti addizzjonali tal-azzar u tal-aluminju u prodotti derivattivi addizzjonali tal-azzar u tal-aluminju li joriġinaw fost l-oħrajn mill-Unjoni ("il-miżuri ta' salvagwardja tal-2025).

(6) Il-miżuri introdotti mill-Istati Uniti għadhom miżuri ta' salvagwardja għaliex jikkonsistu f'abbandun mill-Istati Uniti tal-obbligi li jirriżultaw mill-Ftehim li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("WTO") fil-forma ta' restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet bl-għan li tiġi protetta industrija domestika kontra l-kompetizzjoni mill-importazzjonijiet, għal raġunijiet ta' prosperità kummerċjali ta' dik l-industrija u mingħajr determinazzjoni ta' dumping jew sussidjar skont it-tifsira ta' dazji anti-dumping jew kumpensatorji.

(7) Il-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji jipprevedi d-dritt ta' kull Membru esportatur tad-WTO milqut minn miżura ta' salvagwardja li jissospendi l-applikazzjoni ta' obbligi sostanzjalment ekwivalenti taħt il-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ ("General Agreement on Trade and Tariffs - GATT") tal-1994 għall-kummerċ tal-Membru tad-WTO li japplika xi miżura ta' salvagwardja, dment li ma tintlaħaq ebda soluzzjoni sodisfaċenti matul il-konsultazzjonijiet ma' dak il-Membru u dment li l-Kunsill tad-WTO għall-Kummerċ fil-Merkanzija ma jkunx wera diżapprovazzjoni tas-sospensjoni. L-Istati Uniti ma jistgħux ifixklu d-dritt ta' Membri oħra tad-WTO għal tali sospensjoni ta' obbligi ekwivalenti billi jirrifjutaw li jiddikjaraw bħala miżuri ta' salvagwardja l-miżuri tagħhom jekk dawn ikunu oġġettivament miżuri ta' salvagwardja.

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/866 tat-28 ta' Mejju 2021 li jissospendi ċerti miżuri ta' politika kummerċjali rigward ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka imposti bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/886 (ĠU L 190, 31.5.2021, p. 94, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/866/oj); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2083 tas-26 ta' Novembru 2021 li jissospendi ċerti miżuri ta' politika kummerċjali rigward ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka imposti bir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/886 u (UE) 2020/502 (ĠU L 426, 29.11.2021, p. 41, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/2083/oj); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2882 tat-18 ta' Diċembru 2023 li jissospendi l-miżuri ta' politika kummerċjali rigward ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka imposti bir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/886 u (UE) 2020/502 (ĠU L, 2023/2882, 19.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/2882/oj) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/664 tal-31 ta' Marzu 2025 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2882 li jissospendi l-miżuri ta' politika kummerċjali rigward ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka imposti bir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/886 u (UE) 2020/502 (ĠU L, 2025/664, 31.3.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/664/oj).

([5]) Fl-1 ta' Jannar 2022, l-Istati Uniti ssostitwew temporanjament, fost l-oħrajn, id-dazji eżistenti ta' 25 % u ta' 10 % fuq l-azzar u l-aluminju, rispettivament, bi kwoti tariffarji sa fejn kienu kkonċernati l-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Unjoni.

([6]) Il-Proklamazzjoni Presidenzjali Nru 10896 tal-10 ta' Frar 2025, L-Aġġustament tal-Importazzjonijiet tal-Azzar fl-Istati Uniti, u l-Annessi tagħha; Il-Proklamazzjoni Presidenzjali Nru 10985 tal-10 ta' Frar 2025, L-Aġġustament tal-Importazzjonijiet tal-Aluminju fl-Istati Uniti, u l-Annessi tagħha.

(8) Ma nstabet l-ebda soluzzjoni sodisfaċenti wara t-talba tal-Unjoni għal konsultazzjonijiet mal-Istati Uniti, kif previst fl-Artikoli 8 u 12.3 tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji ([7]).

(9) Jenħtieġ li l-Unjoni tinnotifika s-sospensjoni tal-applikazzjoni ta' obbligi sostanzjalment ekwivalenti b'reazzjoni għall-miżuri ta' salvagwardja estiżi tal-Istati Uniti u għall-miżuri ta' salvagwardja tal-2025 lill-Kunsill għall-Kummerċ fil-Merkanzija u jenħtieġ li l-miżuri jidħlu fis-seħħ malli jgħaddu 30 jum minn din in-notifika, sakemm il-Kunsill għall-Kummerċ fil-Merkanzija ma jurix diżapprovazzjoni għas-sospensjoni. L-Unjoni diġà nnotifikat is-sospensjoni tal-applikazzjoni ta' obbligi sostanzjalment ekwivalenti b'reazzjoni għall-miżuri ta' salvagwardja tal-Istati Uniti għall-2018 u l-2020 u għaldaqstant is-sospensjoni daħlet fis-seħħ dak iż-żmien ([8]).

(10) Il-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji jippermetti li s-sospensjoni tiġi eżerċitata immedjatament meta l-miżura ta' salvagwardja ma tkunx ittieħdet bħala riżultat ta' xi żieda assoluta fl-importazzjonijiet jew meta l-miżura ta' salvagwardja ma tkunx tikkonforma mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji. Il-miżuri ta' salvagwardja estiżi tal-Istati Uniti u l-miżuri ta' salvagwardja tal-2025 ma jikkonformawx mal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji minħabba li, fost affarijiet oħra, l-Istati Uniti ma għamlu l-ebda determinazzjoni li l-prodotti inkwistjoni qed jiġu importati fi kwantitajiet tant miżjuda li jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw dannu serju lill-industrija domestika li tipproduċi l-prodott simili jew f'kompetizzjoni diretta. Għaldaqstant, l-Unjoni hija intitolata li tissospendi immedjatament l-obbligi sostanzjalment ekwivalenti tal-GATT.

(11) Il-miżuri ta' salvagwardja tal-Istati Uniti jista' jkollhom impatt ekonomiku negattiv konsiderevoli fuq l-industriji tal-Unjoni kkonċernati. Dawn jillimitaw b'mod sinifikanti l-esportazzjonijiet tal-Unjoni tal-prodotti rilevanti tal-azzar u tal-aluminju u tal-prodotti derivattivi tal-azzar u tal-aluminju lejn l-Istati Uniti. L-importazzjonijiet tal-Unjoni tal-prodotti rilevanti fl-Istati Uniti affettwati mill-miżuri ta' salvagwardja tal-2018 u l-2020, li jinkludu s-salvagwardja estiża, għandhom valur ta' EUR 8 biljun fl-2024, u dawk affettwati mill-miżuri ta' salvagwardja tal-2025: EUR 18-il biljun fl-2024.

(12) Għalhekk, sospensjoni tal-obbligi kummerċjali tal-Unjoni, li jirriflettu u ma jaqbżux l-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tad-dazji doganali tal-Istati Uniti għall-importazzjonijiet tal-prodotti rilevanti tal-azzar u tal-aluminju u tal-prodotti derivattivi tal-azzar u tal-aluminju li joriġinaw mill-Unjoni, tirrappreżenta sospensjoni xierqa tal-applikazzjoni ta' obbligi sostanzjalment ekwivalenti f'konformità mal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji.

(13) L-azzjoni xierqa jenħtieġ li tieħu l-forma ta' miżuri kummerċjali ta' riekwilibriju skont ir-Regolament (UE) Nru 654/2014, li jenħtieġ li jikkonsistu fis-sospensjoni ta' konċessjonijiet tariffarji u l-impożizzjoni ta' dazji doganali ġodda jew miżjuda fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' prodotti magħżula li joriġinaw mill-Istati Uniti.

(14) Hija u tfassal u tagħżel il-miżuri adattati u d-dati rispettivi ta' meta jibdew jiġu applikati, il-Kummissjoni applikat kriterji oġġettivi f'konformità mal-Artikolu 4(2)(c) u l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) Nru 654/2014, li jinkludu skont ir-rilevanza, il-proporzjonalità ta' kull miżura, il-potenzjal tagħhom li joffru solliev għall-industriji tal-Unjoni milquta mill-miżuri ta' salvagwardja tal-Istati Uniti, u l-għan li l-impatt ekonomiku negattiv fuq l-Unjoni jkun minimizzat. Il-Kummissjoni pprovdiet opportunità lill-partijiet ikkonċernati biex jesprimu l-fehmiet tagħhom u jissottomettu informazzjoni dwar l-interessi ekonomiċi rilevanti tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 654/2014 u qieset il-kontribut ipprovdut ([9]).

([7]) Il-konsultazzjonijiet kif previsti fl-Artikoli 8 u 12.3 tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji ntalbu mill-Unjoni fis-16 ta' April 2018 dwar il-miżuri ta' salvagwardja tal-2018, fis-6 ta' Marzu 2020 dwar il-miżuri ta' salvagwardja tal-2020, u fit-12 ta' Marzu 2025 dwar il-miżuri ta' salvagwardja tal-2025. Ma ntlaħaq l-ebda ftehim u l-perjodu ta' 30 jum għall-konsultazzjonijiet imsemmi fl-Artikolu 8 tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji ġie fi tmiemu.

([8]) G/L/1237, G/SG/N/12/EU/1, tat-18 ta' Mejju 2018, https://docs.wto.org/dol2fe/Pages/SS/directdoc.aspx?filename=q:/G/L/1237.pdf&Open=True; G/L/1356, G/SG/N/12/EU/2, tas-7 ta' April 2020, https://docs.wto.org/dol2fe/Pages/SS/directdoc.aspx?filename=q:/G/L/1356.pdf&Open=True.

([9]) Fir-rigward tal-miżuri ta' salvagwardja estiżi u fir-rigward tal-miżuri ta' salvagwardja tal-2025, il-ġbir ta' informazzjoni sar mit-12 ta' Marzu sas-26 ta' Marzu 2025, ara http://trade.ec.europa.eu/consultations/index.cfm?consul_id=253 u l-Avviż ta' ġbir ta' informazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 654/2014 dwar it-tariffi l-ġodda tal-Istati Uniti fuq prodotti tal-azzar u tal-aluminju, u miżuri possibbli ta' riekwilibriju tal-UE b'reazzjoni - il-Kummissjoni Ewropea. Fir-rigward tal-miżuri ta' salvagwardja tal-2018 u tal-2020, il-ġbir ta' informazzjoni sar rispettivament fl-2018 u fl-2020, ara l-premessa 8 tar-Regolament (UE) 2018/724, u l-premessa 10 tar-Regolament (UE) 2020/502.

(15) Il-Kummissjoni rat li d-dazji doganali addizzjonali ikunu proporzjonati mal-effett tal-miżuri ta' salvagwardja tal-Istati Uniti u mhux eċċessivi, kif deskritt fil-premessi (19), (20) u (21).

(16) Il-miżuri magħżula għandhom il-potenzjal li jipprovdu xi solliev lill-industriji tal-Unjoni affettwati mill-miżuri ta' salvagwardja tal-Istati Uniti.

(17) Il-miżuri jikkonċernaw importazzjonijiet ta' prodotti li joriġinaw fl-Istati Uniti li fuqhom l-Unjoni mhix sostanzjalment dipendenti għall-provvista tagħha. Dan l-approċċ u d-dati applikabli tal-bidu fis-seħħ jevitaw kemm jista' jkun xi impatt negattiv fuq l-atturi diversi fis-suq tal-Unjoni, inklużi fuq il-konsumaturi.

(18) Għaldaqstant, fir-rigward tal-miżuri ta' salvagwardja tal-2018, li l-Istati Uniti qed jerġgħu japplikaw bis-sħiħ fuq l-importazzjonijiet mill-Unjoni mit-12 ta' Marzu 2025 b'durata mhux limitata, jenħtieġ li l-Unjoni temenda l-livell tad-dazju *ad valorem* u l-ambitu tal-prodotti fir-rigward ta' diversi kodiċijiet NM, biex jitqies il-perjodu ta' żmien li skada mill-introduzzjoni tagħhom fl-2018, l-evoluzzjoni tal-flussi kummerċjali u biex il-miżuri ta' riekwilibriju b'mod ġenerali jsiru aktar ibbilanċjati filwaqt li jiġi żgurat li l-interess tal-Unjoni jiġi ssalvagwardjat kif previst fir-Regolament (UE) Nru 654/2014.

(19) Jenħtieġ li jiġi applikat dazju *ad valorem* addizzjonali ta' 10 % u ta' 25 % fuq l-importazzjonijiet tal-prodotti speċifikati fl-Anness I mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u jenħtieġ li l-prodotti deskritti fl-erba' kodiċijiet NM 2208 30 11, 2208 30 19, 2208 30 82 u 2208 30 88 stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/886 jitneħħew. L-ammont totali ta' dazji *ad valorem* għal din il-parti tar-riekwilibriju tal-Unjoni jirrifletti l-miżuri ta' salvagwardja tal-2018 tal-Istati Uniti fil-forma ta' dazji doganali addizzjonali fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar u tal-aluminju li joriġinaw fost l-oħrajn mill-Unjoni, fil-livelli inizjali ta' 25 % u ta' 10 % *ad valorem*, rispettivament (valur totali ta' EUR 1,6 biljun ta' dazji miġbura teoretikament fuq l-importazzjonijiet tal-Unjoni fl-Istati Uniti fl-2017).

(20) Fir-rigward tal-miżuri ta' salvagwardja estiżi, li l-Istati Uniti qed japplikaw mit-12 ta' Marzu 2025 b'durata mhux limitata, jenħtieġ li l-Unjoni tapplika dazju doganali *ad valorem* addizzjonali ta' 25 % fuq l-importazzjonijiet tal-prodotti speċifikati fl-Anness II, mis-16 ta' Mejju 2025, li huwa konformi mal-perjodu ta' notifika deskritt fil-premessa (9). L-ammont totali ta' dazji *ad valorem* ta' dik it-tieni parti tar-riekwilibriju tal-Unjoni jirrifletti ż-żieda fit-tariffi tal-Istati Uniti minn 10 % għal 25 % *ad valorem* fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-aluminju u prodotti derivattivi tal-aluminju, li joriġinaw mill-Unjoni (valur totali ta' EUR 215-il miljun ta' dazji miġbura teoretikament fuq l-importazzjonijiet tal-Unjoni fl-Istati Uniti fl-2024).

(21) Fir-rigward tal-miżuri ta' salvagwardja tal-2025, li l-Istati Uniti qed japplikaw mit-12 ta' Marzu 2025 b'durata mhux limitata, jenħtieġ li l-Unjoni tapplika dazju doganali *ad valorem* addizzjonali ta' 25 % fuq l-importazzjonijiet tal-prodotti speċifikati fl-Annessi III u IV, mis-16 ta' Mejju 2025 u mill-1 ta' Diċembru 2025, rispettivament, li huwa konformi mal-perjodu ta' notifika deskritt fil-premessa (9). L-ammont totali ta' dazji *ad valorem* ta' dik it-tielet parti tar-riekwilibriju tal-Unjoni jirrifletti l-miżuri ta' salvagwardja tal-2025 tal-Istati Uniti fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti addizzjonali tal-azzar u tal-aluminju u ta' prodotti derivattivi tal-azzar u tal-aluminju mill-Unjoni fl-Istati Uniti li joriġinaw fl-Unjoni (valur totali ta' EUR 4,5 biljun ta' dazji miġbura teoretikament fuq l-importazzjonijiet tal-Unjoni fl-Istati Uniti fl-2024).

(22) Il-Kummissjoni, jekk meħtieġ, se temenda dan ir-Regolament biex tqis kwalunkwe emenda jew bidla fil-miżuri ta' salvagwardja tal-Istati Uniti, kif ukoll biex tqis il-mod li bih l-Istati Uniti se japplikaw il-miżuri ta' salvagwardja tagħhom.

(23) Fid-dawl tal-limiti ta' żmien applikabbli tad-WTO, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(24) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ostakoli għall-Kummerċ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Kummissjoni għandha sa mhux aktar tard mill-15 ta' April 2025 tagħti avviż bil-miktub lill-Kunsill tad-WTO għall-Kummerċ fil-Merkanzija li, fin-nuqqas ta' diżapprovazzjoni mill-Kunsill għall-Kummerċ fil-Merkanzija, l-Unjoni qiegħda tissospendi, mis-16 ta' Mejju 2025, l-applikazzjoni għall-kummerċ tal-Istati Uniti tal-obbligi skont il-GATT 1994 fir-rigward tal-konċessjonijiet tad-dazju tal-importazzjoni u t-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit fir-rigward tal-prodotti elenkati fl-Annessi II, III u IV.

Artikolu 2

L-Unjoni għandha tapplika d-dazji doganali addizzjonali li ġejjin fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka:

(1) dazju *ad valorem* addizzjonali ta' rata ta' 25 % fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti elenkati fl-Anness II u speċifikati fih, mis-16 ta' Mejju 2025;

(2) dazju *ad valorem* addizzjonali ta' rata ta' 25 % fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti elenkati fl-Anness III u speċifikati fih, mis-16 ta' Mejju 2025;

(3) dazju *ad valorem* addizzjonali ta' rata ta' 25 % fuq l-importazzjonijiet tal-prodotti elenkati fl-Anness IV u speċifikati fih, mill-1 ta' Diċembru 2025.

Artikolu 3

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/886 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

L-Unjoni għandha tapplika dazji doganali addizzjonali fuq l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni tal-prodotti elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament u li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka ('l-Istati Uniti').";

(2) L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

Dazju *ad valorem* addizzjonali ta' rata ta' 10 % u ta' 25% għandu jiġi applikati fuq l-importazzjonijiet tal-prodotti elenkati fl-Anness I u speċifikati fih, mill-15 ta' April 2025";

(3) L-Annessi I u II huma sostitwiti bit-test fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' April 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

NM 2025 ([1])	Livell ta' dazju
0710 40 00	25%
0711 90 30	25%
0713 33 90	25%
1005 90 00	25%
1006 30 21	25%
1006 30 23	25%
1006 30 25	25%
1006 30 27	25%
1006 30 29	25%
1006 30 42	25%
1006 30 44	25%
1006 30 46	25%
1006 30 48	25%
1006 30 49	25%
1006 30 61	25%
1006 30 63	25%
1006 30 65	25%
1006 30 67	25%
1006 30 69	25%
1006 30 92	25%
1006 30 94	25%
1006 30 96	25%
1006 30 98	25%
1006 30 99	25%
1006 40 00	25%
1904 10 30	25%
1904 90 10	25%
2001 90 30	25%
2004 90 10	25%
2005 80 00	25%
2008 11 10	25%
2008 93 11	25%
2008 93 19	25%
2008 93 29	25%
2008 93 91	25%
2008 93 93	25%

NM 2025 ([1])	Livell ta' dazju
2008 93 99	25%
2009 12 00	25%
2009 19 11	25%
2009 19 19	25%
2009 19 91	25%
2009 19 98	25%
2009 81 11	25%
2009 81 19	25%
2009 81 31	25%
2009 81 59	25%
2009 81 95	25%
2009 81 99	25%
2402 10 00	25%
2402 20 10	25%
2402 20 90	25%
2402 90 00	25%
2403 11 00	25%
2403 19 10	25%
2403 19 90	25%
2403 91 00	25%
2403 99 10	25%
2403 99 90	25%
2404 11 00	25%
2404 19 10	25%
2404 91 90	25%
3301 12 10	10%
3301 13 10	10%
3301 90 10	10%
3301 90 30	10%
3301 90 90	10%
3302 90 10	10%
3302 90 90	10%
3304 10 00	10%
3304 20 00	25%
3304 30 00	25%
3304 91 00	25%
3305 30 00	10%

NM 2025 ([1])	Livell ta' dazju
4818 20 10	25%
4818 20 91	25%
4818 20 99	25%
4818 30 00	25%
4818 50 00	25%
4818 90 10	25%
4818 90 90	25%
5606 00 91	10%
5606 00 99	10%
5907 00 00	10%
5911 10 00	10%
5911 20 00	10%
5911 31 11	10%
5911 31 19	10%
5911 31 90	10%
5911 32 11	10%
5911 32 19	10%
5911 32 90	10%
6109 10 00	25%
6109 90 20	25%
6109 90 90	25%
6203 42 11	25%
6203 42 31	25%
6203 42 33	25%
6203 42 35	25%
6203 42 51	25%
6203 42 59	25%
6203 42 90	25%
6203 43 11	25%
6203 43 19	25%
6203 43 31	25%
6203 43 39	25%
6203 43 90	25%
6204 62 11	25%
6204 62 31	25%
6204 62 33	25%
6204 62 39	25%

NM 2025 ([1])	Livell ta' dazju
6204 62 51	25%
6204 62 59	25%
6204 62 90	25%
6205 30 00	25%
6301 30 10	25%
6301 30 90	25%
6302 31 00	25%
6402 19 00	25%
6402 99 10	25%
6402 99 31	25%
6402 99 39	25%
6402 99 50	25%
6402 99 91	25%
6402 99 93	25%
6402 99 96	25%
6402 99 98	25%
6403 59 05	25%
6403 59 11	25%
6403 59 31	25%
6403 59 35	25%
6403 59 39	25%
6403 59 50	25%
6403 59 91	25%
6403 59 95	25%
6403 59 99	25%
6601 10 00	25%
6911 10 00	25%
6911 90 00	25%
6912 00 21	25%
6912 00 23	25%
6912 00 25	25%
6912 00 29	25%
6912 00 81	25%
6912 00 83	25%
6912 00 85	25%
6912 00 89	25%
6913 10 00	25%

NM 2025 ([1])	Livell ta' dazju
6913 90 10	25%
6913 90 93	25%
6913 90 98	25%
6914 10 00	25%
6914 90 00	25%
7005 21 25	25%
7005 21 30	25%
7005 21 80	25%
7007 19 10	10%
7007 19 20	10%
7007 19 80	10%
7007 21 20	10%
7007 21 80	10%
7007 29 00	10%
7009 10 00	25%
7009 91 00	10%
7013 28 10	10%
7013 28 90	10%
7102 31 00	10%
7113 11 00	25%
7113 19 00	25%
7113 20 00	25%
7210 12 20	25%
7210 12 80	25%
7219 12 10	25%
7219 12 90	25%
7219 13 10	25%
7219 13 90	25%
7219 32 10	25%
7219 32 90	25%
7219 33 10	25%
7219 33 90	25%
7219 34 10	25%
7219 34 90	25%
7219 35 90	25%
7222 20 11	25%
7222 20 21	25%

NM 2025 ([1])	Livell ta' dazju
7222 20 29	25%
7222 20 31	25%
7222 20 81	25%
7222 20 89	25%
7222 40 10	25%
7222 40 50	25%
7222 40 90	25%
7223 00 11	25%
7223 00 19	25%
7223 00 91	25%
7226 92 00	25%
7228 30 20	25%
7228 30 41	25%
7228 30 49	25%
7228 30 61	25%
7228 30 69	25%
7228 30 70	25%
7228 30 89	25%
7228 50 20	25%
7228 50 40	25%
7228 50 61	25%
7228 50 69	25%
7228 50 80	25%
7229 90 20	25%
7229 90 50	25%
7229 90 90	25%
7301 20 00	25%
7304 31 20	25%
7304 31 80	25%
7304 41 00	25%
7306 30 12	25%
7306 30 18	25%
7306 30 41	25%
7306 30 49	25%
7306 30 72	25%
7306 30 77	25%
7306 30 80	25%

NM 2025 ([1])	Livell ta' dazju
7306 40 20	25%
7306 40 80	25%
7307 11 10	25%
7307 11 90	25%
7307 19 10	25%
7307 19 90	25%
7308 30 00	25%
7308 40 00	25%
7308 90 51	25%
7308 90 59	25%
7308 90 98	25%
7309 00 10	25%
7309 00 51	25%
7309 00 59	25%
7310 29 10	25%
7310 29 90	25%
7311 00 13	25%
7311 00 19	25%
7311 00 99	25%
7314 14 00	25%
7314 19 00	25%
7314 49 00	25%
7315 11 10	25%
7315 11 90	25%
7315 12 00	25%
7315 19 00	25%
7315 89 00	25%
7315 90 00	25%
7318 14 10	25%
7318 14 91	25%
7318 14 99	25%
7318 16 40	25%
7318 16 60	25%
7318 16 92	25%
7318 16 99	25%
7321 11 10	25%
7321 11 90	25%

NM 2025 ([1])	Livell ta' dazju
7322 90 00	25%
7323 93 00	25%
7323 99 00	25%
7324 10 00	25%
7325 10 00	25%
7325 99 10	25%
7325 99 90	25%
7326 90 30	25%
7326 90 40	25%
7326 90 50	25%
7326 90 60	25%
7326 90 92	25%
7326 90 96	25%
7326 90 98	10%
7604 29 90	25%
7606 11 30	25%
7606 11 50	25%
7606 11 91	25%
7606 11 93	25%
7606 11 99	25%
7606 12 11	25%
7606 12 19	25%
7606 12 30	25%
7606 12 50	25%
7606 12 92	25%
7606 12 93	25%
8422 11 00	25%
8450 11 11	25%
8450 11 19	25%
8450 11 90	25%
8450 12 00	25%
8450 19 00	25%
8506 10 11	10%
8506 10 18	10%
8506 10 91	10%
8506 10 98	10%
8506 90 00	10%

NM 2025 ([1])	Livell ta' dazju
8543 70 01	25%
8543 70 02	25%
8543 70 03	25%
8543 70 04	25%
8543 70 05	25%
8543 70 06	25%
8543 70 07	25%
8543 70 08	25%
8543 70 09	25%
8543 70 10	25%
8543 70 30	25%
8543 70 50	25%
8543 70 60	25%
8543 70 90	25%
8704 21 10	10%
8704 21 31	10%
8704 21 39	10%
8704 21 91	10%
8704 21 99	10%
8704 41 10	10%
8704 41 31	10%
8704 41 39	10%
8704 41 91	10%
8704 41 99	10%
8711 40 00	25%
8711 50 00	25%
8901 90 10	25%
8901 90 90	25%
8902 00 10	25%
8902 00 90	25%
8903 11 00	10%
8903 12 00	10%
8903 19 00	10%
8903 21 00	25%
8903 22 00	25%
8903 23 00	25%
8903 31 00	25%

NM 2025 ([1])	Livell ta' dazju
8903 32 10	25%
8903 32 90	25%
8903 33 10	25%
8903 33 90	25%
8903 93 00	25%
8903 99 10	25%
8903 99 99	25%
9401 61 00	25%
9401 69 00	25%
9401 71 00	25%
9401 79 00	25%
9401 80 00	25%
9404 40 10	25%
9404 40 90	25%
9404 90 10	25%
9404 90 90	25%
9405 99 00	25%
9504 40 00	10%

